VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,227, 28 ta' Marzu, 2014
Taqsima B

A.L. 110 tal-2014

ATT DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (KAP. 504)

Regolamenti tal-2014 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni ta' Għasafar Selvaġġi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 61(1) u (2) u bl-artikolu 62(1) u (2) tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp, il-Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2014 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni ta' Għasafar Selvaġġi, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftieħmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni ta' Għasafar Selvaġġi, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 504.71

Jemenda r-regolament 27 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 27 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej

(a) fit-tieni proviso tas-subregolament (2) tiegħu, minflok il-kliem "ta' dan is-subregolament." għandhom jidħlu l-kliem "ta' dan is-subregolament:", u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda wkoll minkejja dak provdut f'dan is-subregolament, kull persuna li tikkaċċja jew tittanta li tikkaċċja jew tieħu jew tittanta li tieħu għasafar inklużi fl-Iskeda I jew fl-Iskeda IX, iżda mhux inklużi fl-Iskeda II, teħel:

(a) meta tinstab ħatja għall-ewwel darba, multa ta' ħamest elef euro (€5,000) jew priġunerija għal żmien sena, jew dik il-multa u priġunerija flimkien, kif ukoll ir-revoka permanenti ta' kull liċenzja jew permess maħruġa skont dawn ir-regolamenti kif ukoll il-konfiska tal-*corpus delicti*;

(b) meta tinstab ħatja għat-tieni darba jew aktar drabi, multa ta' għaxart elef euro (€10,000) jew priġunerija għal żmien sentejn, jew dik il-multa u priġunerija flimkien, kif ukoll il-konfiska tal-*corpus delicti*. Din id-dispożizzjoni għandha tapplika wkoll għal kull persuna li tkun instabet

ħatja li kkaċċjat jew ittantat li tikkaċċja jew tieħu jew ittantat li tieħu għasafar inklużi fl-Iskeda I jew fl-Iskeda IX, iżda mhux inklużi fl-Iskeda II, qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan il-paragrafu; u f'każ li l-liċenzja jew permess ma kienux ġew revokati, il-Qorti għandha tordna ir-revoka permanenti ta' kull permess jew liċenzja maħruġa taħt dawn ir-regolamenti meta dik il-persuna tinstab ħatja t-tieni darba."; u

(b) it-tielet proviso tas-subregolament (3) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Iżda wkoll bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tat-tielet proviso tas-subregolament (2), kull persuna li tikkaċċja jew tittanta li tikkaċċja jew tieħu jew tittanta li tieħu għasafar mingħajr liċenzja valida għandha teħel il-pieni imniżżlin fis-subregolament (2)(b) u l-Qorti għandha ukoll tordna li l-persuna ħatja għandha tkun skwalifikata milli tottjeni liċenzja taħt dawn ir-regolamenti jew taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija għal għomorha, u meta dik il-liċenzja tkun ġiet revokata b'mod permanenti skont is-subregolament (2)(b) jew il-Qorti tkun diġà ordnat li dik il-persuna ġiet skwalifikata milli takkwista liċenzja għal għomorha, meta tinstab ħatja, dik il-persuna għandha teħel multa ta' mhux anqas minn sebat elef euro (€7,000) iżda mhux iżjed minn ħmistax-il elf euro (€15,000) u priġunerija għal żmien ta' mhux anqas minn sena iżda mhux iżjed minn sentejn.".